MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2013

Numru. 794/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**

**VS**

**LINDSAY CASSAR BONACI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Lindsay Cassar Bonaci, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 12734 (A).

**Akkuzata talli:**

Fis-27 ta` Marzu, 2009, u matul it-tnax (12) –il xahar precedenti waqt li kienet qeghda tghix fil-fond Flat 39, ‘Dolmen Court’, Triq il-Kurazza, San Pawl il-Bahar limit ital-Qawra, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, cioe` ghamara, purtieri, *toilets*, sufani, saqqijiet kif ukoll oggetti ohra li l-istima tal-hsarat inkwistjoni taccedi s-somma ta` elfejn, tlett mija u tletin ewro (€2,330) u dan ghad-dannnu ta` certu Emanuel u Angel konjugi Spiteri mill-Mosta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
Rat l-imputazzjonijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza giet istitwita fil-11 ta` Awissu, 2009. Haga ta` l-iskantament, l-ebda prova ma` ingiebet miz-zewg partijiet bejn is-6 ta` Settembru, 2010, sad-data tallum meta qeghda tinghata s-sentenza.

Illi, filfatt, nonostante illi l-istess difiza inghatat bosta opportuntajiet sabiex taghmel dan u dina l-Qorti qatt ma semghet il-provi tad-difiza li qatt ma gew prodotti minhabba l-fatt illi l-imputata jew l-avukat difensur taghha li ma attendewx ghal bosta seduti anke fl-istadju tad-difiza.

Illi l-Qorti semghet ix-xhieda ta`:-

WPC 231 Lorraine Vella;
Emanuel Spiteri;
Perit Mariello Spiteri;
Jeffrey Scorey u
Spettur Paul Bond.

Illi l-imputazzjonijiet jirrizultaw carament minn din ix-xhieda u tinsab ikkonfermata mid-dokumenti esibiti. Il-Qorti rat ukoll is-CD esibit.

Din il-Qorti tordna lill-imputata msemmija thallas is-somma hekk likwidata ta` erba` t'elef u hames mitt ewro (€4,500) lil Emanuel u Angel konjugi Spiteri fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Illi jekk l-imputata tonqos milli thallas il-flejjes dovuti lill-konjugi Spiteri tigi nflitta fuqha sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------